**Il-Mużew tal-Flus**

Fis-sala tal-bini l-ewlieni tal-Bank Ċentrali ta' Malta tinsab wirja numiżmatika. Minbarra l-ħarġiet ta' flus mill-1968 'il hawn, din il-wirja fiha wkoll kollezzjoni tal-karti tal-flus kollha ta' valuta legali li setgħu jinstabu u li nħarġu sal-lum mill-1914, meta kienu nħarġu l-ewwel flus tal-karti offiċċjali Maltin. Madankollu, il-ġrajja tal-ħruġ tal-karti tal-flus f'Malta tmur terġa' aktar lura, sal-bidu tad-dsatax-il seklu meta l-ewwel karti tal-flus kienu nħarġu mill-aqwa żewġ banek li kien hawn dak iż-żmien, li kienu l-Banco Anglo-Maltese u l-Banco di Malta.

Din il-wirja tħaddan fiha wkoll il-muniti ta' valuta legali tal-pajjiż. Sa żmien relattivament riċenti, il-muniti li kienu jiċċirkulaw f'Malta kienu jkunu jew ta' dik il-potenza barranija li tkun qiegħda taħkem lil Malta jew inkella ta' pajjiżi Mediterranji ġirien li Malta kien ikollha magħhom rabtiet kummerċjali estensivi. Madankollu, nafu li kienu jeżistu muniti lokali wkoll sa mill-inqas it-tielet seklu Q.K. Sa l-1972, il-muniti Ingliżi kienu għadhom jintużaw bħala l-muniti ta' valuta legali ta' Malta. Il-munita ta' Malta nbidlet mill-qiegħ f'Mejju ta' l-1972, meta, wara l-leġislazzjoni mgħoddija f'Settembru ta' l-1971, kienet tnediet offiċċjalment is-sistema deċimali, li neħħiet ix-xelini u s-soldi u daħħlet minflokhom iċ-ċenteżmi u l-milleżmi. Il-Bank kien responsabbli għat-twettiq tal-bidla għad-deċimalizzazzjoni bil-mixi tiegħu mar-rakkommandazzjonijiet tal-Kumitat tad-Deċimalizzazzjoni tal-Flus, u billi ġibed ħabel wieħed mal-Kumitat Stabilit Għall-Ħidma tal-Flus Deċimali. Sa l-aħħar tas-sena 1972 ġew demonetizzati l-muniti kollha Ingliżi li kienu jinsabu fiċ-ċirkulazzjoni, u f'Malta baqgħu biss bħala valuta legali l-muniti Maltin, li damu hekk sal-31 ta' Jannar 2008.

Għall-wiri wkoll jinstabu l-bosta muniti tad-deheb u tal-fidda maħruġin mill-Bank, li bis-saħħa tagħhom Malta sabet postha fuq il-mappa numiżmatika. L-ewwel li bdew joħorġu dawn kien fis-sena 1972, meta l-Bank kien ħareġ sett tad-deheb u tal-fidda flimkien ma' l-Ordni Sovran Militari ta' Malta f'Ruma. Il-muniti numiżmatiċi jfakkru ġrajjiet nazzjonali jew internazzjonali, jew inkella juru personalitajiet magħrufin, imfakar jew binjiet storiċi, il-flora u l-fawna Maltin u ħwejjeġ folkloristiċi. Dan l-aħħar il-Bank għadu kemm żied mal-wirja numiżmatika l-karti tal-flus ta' l-euro u l-muniti nazzjonali kollha tal-pajjiżi taż-żona ta' l-euro, fosthom il-muniti ta' l-euro Maltin, flimkien mal-munita euro Maltija simbolika li kienet ġiet ippreżentata fil-laqgħa ta' l-ECOFIN fl-10 ta' Lulju 2007.

Il-Mużew tal-Flus ikun miftuħ bla ħlas għall-pubbliku fil-ħinijiet tal-ftuħ tal-Bank.